18 ta' Ġunju, 1955

Imħallef:
Chev. Onor. Dr. W. Harding, B.Litt., LL.D.

Il-Pulizija *versus* Alfred Bartolo

## Fastidju — Molestji — Xjuħ

*Ix-xjuħ għandhom dritt jgħixu fil-paċi; min jagħtihom fastidju jew idejjaqhom juri li għandu edukazzjoni tal-qalb skarsa u sentimenti pervertiti.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni tal-Pulizija kontra l-imputat quddiem il-Qorti Kriminali tal-Maġistrati ta' Malta talli Bormla, fis-27 ta' Marzu 1955, f'xid-9.15 a.m., dejjaq lil Joseph Bonavia, raġel xiħ, volontarjament għamel ħsara fil-bastun li jimxi bih, u pprova jsawwtu; barra minn dan, kiser il bon ordni publiku bl-għajjat, tkellem oxxen fil-publiku, u hedded lil Maria Farrugia;

Rat is-sentenza ta' dik il-Qorti tas-27 ta' April 1955, li biha sabet l-imputat ħati u kkundannatu £3 ammenda;

Rat ir-rikors li bih l-imputat appella u talab li d-deċiżjoni fuq imsemmija tiġi revokata, u li hu jiġi assolt;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat;

Mix-xhieda ta' Bonavia, xiħ ta' tmenin sena, u pjuttost dekrepitu fiżikament, jirriżulta għas-sodisfazzjon tal-Qorti li l-imputat taħ fastidju u dejqu fis-sens tal-liġi...... Ma jirriżultax, però, li l-imputat ipprova jsawwat lil Bonavia, li ċjoè kkommetta "vie di fatto";

Il-Qorti t'Isfel infliġġiet piena globali waħda ta' £3;

Peress li sabet l-imputat ħati ta' sitt kontravvenzjonijiet, wieħed għandu loġikament jissupponi li għal kull kon-

travvenzjoni mponiet ammenda ta' 10s. Għalhekk is-somma tal-piena għandha titnaqqas korrispondentement għall-esklużjoni ta' kontravvenzjoni waħda;

L-Imħallef sedenti ma hux qiegħed iħalli l-piena fis-somma *li kienet*, non ostanti l-esklużjoni ta' reat wieħed, għax diversament jista' jiġi vjolat il-prinċipju li fl-appell, skond il-liġi tagħna, ma jistax ikun hemm "reformatio in pejus"; għax diversament din il-Qorti kienet teżaspera l-piena għar-reat ta' fastidju lil Bonavia, peress li dan ix-xieħ għandu d-dritt kollu lil jgħix fil-paċi. Hi ċertament ħaġa strana, fil-ħajja umana, li dejjem u f'kull epoka jkun *hemm nies, ta' edukazzjoni* tal-qalb skarsa, u ta' sentimenti pervertiti, li jieħdu gost b'abbużi simili; tant li ġa minn *sekoli ilu, fiż-żmien ta'* Ovidio, dan il-poeta kien diġà qiegħed jilmenta li spiċċat ir-riverenza għall-età, bil-kliem "Magna fuit quondam capitis reverentia cani: inque suo proetio ruga senilis erat" (Fast. Lib. 5, vers 57);

L-appell hu konsegwentement miċħud, ħlief għar-rigward tal-kundanna għar-reat ta' "vie di fatto", li qiegħed jiġi eskluż; b'konferma tal-bqija tas-sentenza. Il-piena hi *ridotta għal £2. 10. 0; titħallas* żmien jumejn mil-lum.

---